


OTTUBRU - DIĊEMBRU 2012

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**Folja Ġdida**

Nixtieq nawgura, f'isem l-amministrazzjoni u l-istaff, is-Sena Skolastika t-tajba lill-parteċipanti kollha fl-Iskola u l-Kulleġġ tagħna. Nispera li kellkom vaganzi tajbin u li striħajtu biżżejjed ħalli tkomplu l-proċess edukattiv b'suċċess. Huwa importanti li wieħed jifhem u jifhem sew, li s-suċċess ma jiġix bix-xejn iżda billi wieħed jaħdem għalih billi jagħmel ftit tas-sagrifiċċju. L-istudent irid ikun matur biżżejjed biex jifhem li l-frott, fl-aħħar mill-aħħar ser igawdih hu!

Fil-laqgħat li l-amministrazzjoni kellha mal-ġenituri ta' kull sena, din seħqet dwar l-importanza tal-ġenituri f'dan il-proċess edukattiv. Il-ġenituri għandhom jaħdmu id f'id mal-iskola, jekk dawn tassew iridu lil uliedhom jitilgħu rġiel t'għada. Ir-regoli tal-iskola qegħdin hemm biex wieħed isegwihom u aħna lkoll għandna niġbdu ħabel wieħed sabiex naraw li dan qed isir. M'għandna nsibu l-ebda skuża biex ngħattu n-nuqqasijiet ta' wliedna sabiex huma jgħadduha lixxa jew tgħaddi tagħhom. Fl-aħħar mill-aħħar, wieħed irid jifhem, li min jagħmel dan ikun qed iġib il-ġebla fuq saqajh, għax tkunu qed tgħallmu lil uliedkom kif jgħaddu biż-żmien lill-awtorità. B'konsegwenza ta' dan, wara ftit tas-snin jibdew jgħaddu biż-żmien lilkom ukoll.

Ejjew nibdew folja ġdida billi nħarsu lejn l-iskola bħala dak il-post edukattiv immexxi minn professjonisti li dejjem lesti ħalli jgħinu lill-istudenti jimxu fid-direzzjoni t-tajba. L-inizjattivi li tieħu l-iskola fin-numru ta' attivitajiet li torganizza, joħolqu opportunijiet sabiex l-istudenti jitgħallmu jissoċjalizzaw f'atmosfera differenti minn tas-soltu. B'dan il-mod l-istudenti qed ngħinuhom jiffurmaw ruħhom tajjeb u nippreparawhom għall-ġejjieni, sabiex jiksbu l-ħiliet kollha meħtieġa li jkunu kapaċi għalihom.

Nassigurakom li aħna, bħala professjonisti, ser inżommu kuntatt magħkom u ser nagħmlu ħilitna kollha sabiex l-istudenti jkollhom sena mill-aqwa u jirnexxu lkoll.

Is-Sur R. Portelli
Kap tal-Iskola



**Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
http://www.kulleggsanbenedittubs.com/

# EDITORJAL

**Lura Lejn l-Iskola**

Reġgħet bdiet sena skolastika oħra għat-tfal Maltin u Għawdxin kollha. L-istudenti li daħlu fl-iskola tagħna għall-ewwel darba, se jiskopru dinja ġdida li twassalhom biex jilħqu l-għanijiet tagħhom. Studenti oħra jkomplu dak li diġà bdew u oħrajn waslu biex itemmu l-vjaġġ li bdew f'din l-iskola.

Barra li l-iskola tgħin lil kull student jiżviluppa l-ħiliet akkademiċi tiegħu, tgħin ukoll biex jeduka ruħu, jifforma karattru tajjeb u jsir ċittadin eżemplari fis-soċjetà Maltija.

Kif jgħid il-Malti, fuq tlieta toqgħod il-borma. Għalhekk l-istudent għandu jagħmel l-almu tiegħu kollu billi l-ewwel nett joqgħod attent waqt il-lezzjonijiet kollha, it-tieni jagħmel ix-xogħol kollu li jingħata mill-għalliema u jagħmlu sew. Fl-aħħar u mhux l-inqas, kull student irid jistudja l-materjal kollu li jkun għamel matul is-sena biex b'hekk ikun jista' jirnexxi u jimxi 'l quddiem.

Kull bniedem jista' jiżbalja iżda kulħadd jista' jitgħallem mill-iżbalji tiegħu stess. Student juri li hu matur meta jagħraf jitgħallem mill-iżball li jkun wettaq u mhux jibqa' jirrepeti żball wara ieħor. Min jibqa' jagħmel l-istess żbalji jidher bħala student immatur. Għalhekk kull student għandu jagħti kas meta tinġibidlu l-attenzjoni minħabba li jkun għamel xi żball.

Kull student għandu d-dritt li jkollu l-aħjar edukazzjoni possibbli. L-iskola għandha l-obbligu li ssegwi l-passi tal-istudenti fil-mixja edukattiva tagħhom. Dan jista' jsir biss jekk mill-iskola u mid-dar jinġibed ħabel wieħed.

Jalla din is-sena skolastika tkun waħda pożittiva. Nawguraw lil kulħadd sena tajba b'għaqda bejnietna għall-ġid ta' kull wieħed u waħda minna.

Is-Sa S.J. Polidano
Is-Sa C. Tanti

## Il-Websajt Tal-Iskola Tagħna

http://www.kulleggsanbenedittubs.com/




...u ħafna aktar. Mela żur sikwit l-websajt tal-iskola!

# ĠURNATA FI SQALLIJA

Għat-tielet sena konsekuttiva d-Dipartiment tat-Taljan reġa' organizza ġurnata fi Sqallija. Ġurnata li daħlet sew fil-kalendarju tal-Kulleġġ tagħna tant li hekk kif tibda s-sena skolastika ħafna studenti jibdew jistaqsuna jekk din is-sena hux se mmorru sa Sqallija. Din is-sena l-grupp kien jikkonsisti minn erbgħin student u erba' ġenituri. Il-programm ta' din is-sena kien differenti minn dak tas-sena l-oħra għaliex żorna Siracusa, il-Lago di Santa Rosalia, Marina di Ragusa u Modica.

Il-ġurnata tagħna bdiet bi żjara fil-belt ta' Siracusa, belt mimlija bi storja Griega. Hemmhekk ammirajna s-sbuħija tat-tempju ta' Apollo, il-funtani ta' Diana u Arethusa u fuq kollox il-Katidral li, qabel ma sar dak li hu llum, kien tempju Grieg maestuż. Hawnhekk it-tfal kellhom ċans iduru ftit ma' din il-belt storika u jammiraw is-sbuħija li toffri. Wara Siracusa rħejnielha lejn il-Lago di Santa Rosalia fejn, imdawwar b'għadira artifiċjali pjuttost kbira, hemm l-*agriturismo* fejn kienet qed tistenniena l-ikla ta' nofsinhar. It-tfal kellhom iċ-ċans iduqu tipi differenti ta' antipasti, għaġin u kif ukoll laħam tipiku tal-post. Hekk kif lestejna mill-ikel u ħadna ritratt tal-grupp kollu, irkibna l-kowċ li wasslitna Marina di Ragusa, post ħdejn il-baħar fejn wieħed jista' jsib bajjiet sbieħ b'baħar nadif.



Fil-fatt grupp ta' studenti ddeċieda li jiffriska naqra mis-sħana tas-sajf billi jinżel jieħu għawma żgħira. L-aħħar destinazzjoni tagħna kienet il-belt ta' Modica magħrufa ħafna għaċ-ċikkulata artiġjanali. Tajjeb ngħidu li fi triqitna lejn din il-belt għaddejna minn fuq wieħed mill-ogħla pontijiet fl-Ewropa. Sakemm konna Modica, f'ħanut li jbigħ il-ħaxix, stajna nammiraw il-basal ta' Giarratana li huma basal speċjali li jikbru sa tnax-il kilo. Għas-sebgħa ta' filgħaxija kien hemm min reġa' ffjakka u b'hekk sibna pizzerija fejn, f'temp ta' nofs siegħa, il-pizzajoli rnexxielhom jagħmlu madwar tletin pizza b'togħma verament delizzjuża li niżlu għasel. U wara l-pizza kien hemm min daq il-kannoli tipiċi Sqallin mimlijin bl-irkotta.

Għat-tielet sena konsekuttiva din il-mawra kienet suċċess kbir u aħna l-għalliema tal-lingwa Taljana nixtiequ nirringrazzjaw lil kull min għinna. Waqt li konna qegħdin Sqallija inzertajna sett ta' kotba tas-serje "Gol" u ddeċidejna li nixtruhom u nagħtuhom donazzjoni lil-librerija tal-Iskola sabiex kull student interessat ikun jista' jmur jissellfu u jaqrah.

Id-Dipartiment tat-Taljan.

# PARTEĊIPAZZJONI F'INTERNATIONAL SUMMER CAMP






L-opportunità li ngħatat l-iskola tagħna biex nipparteċipaw f'International Summer Camp ġewwa l-Ukraina kienet waħda unika. L-Ukraina kienet diġà ilha fuq fomm kulħadd għaliex is-sajf li għadda, flimkien mal-Polonja, organizzat l-Euro Cup 2012. Barra minn hekk, il-katina tal-muntanji Carpathians fejn konna se noqogħdu żgur li kienu se joffru xenarju mill-isbaħ. Wara l-preparamenti li saru, konna lkoll ħerqana biex nagħtu bidu għal din l-avventura ġewwa dan il-pajjiż fil-Lvant tal-Ewropa!

Kienu disat ijiem li matulhom sirna nafu studenti u għalliema minn bliet differenti fl-Ukraina u minn Ċipru. Kulħadd bil-lingwa tiegħu u kull pajjiż bit-tradizzjonijiet tiegħu. L-attivitajiet ta' kuljum li kienu jiġu organizzati, għenuna nifhmu aktar mill-qrib il-kulturi differenti ta' dawn il-pajjiżi: rajna żfin akkumpanjat b'mużika tipika, doqna ikel varjat tal-lokal u rajna ilbies tradizzjonali Ukren u Ċiprijott. Ippruvajna wkoll nitkellmu bil-lingwi tagħhom! Ma setax jonqos li aħna nagħmlu l-preżentazzjoni tagħna dwar Malta u nitkellmu dwar aspetti kulturali Maltin. L-impressjoni li ħallew l-istudenti tagħna kienet waħda pożittiva.

Il-mawra tagħna fl-Ukraina ħaditna wkoll f'diversi nħawi ta' dan il-pajjiż enormi. Ix-xenarji li tippreżenta n-natura tal-muntanji Carpathians huma spettakolari – ħdura, siġar, xmajjar u annimali. Kienet tispikka t-trankwillità li joffri l-villaġġ ta' Verkhovyna, fejn konna noqogħdu. Dan ikkuntrasta bil-kbir ma' dak li rajna fi Kiev – bini enormi, nies, karozzi, toroq wisgħin, ħwienet u dak kollu li toffri l-ħajja mgħaġġla f'belt kapitali.

Minkejja l-vjaġġ twil li għamilna, nistgħu ngħidu b'ċertezza li l-esperjenza edukattiva ġewwa l-Ukraina kienet waħda ta' kwalità, li minnha tgħallimna ħafna. Żgur li l-memorji li ġibna magħna ser jibqgħu f'moħħna għal ħafna żmien.



Is-Sa M.P. Mifsud
Is-Sur A. Cutajar

# KELMTEJN FUQ IS-SAĦĦA U SIGURTÀ




Għeżież studenti u ġenituri,

Reġgħet bdiet sena skolastika oħra, mimlija attivitajiet, tagħlim u ħafna kotba tqal li rridu nġorru magħna! Minħabba f'hekk, nixtieq infakkar lill-istudenti kollha sabiex jagħmlu t-*time table* ta' kuljum ħalli ma jkollniex piż żejjed fil-basket. Barra minn hekk, l-iskola għandna wkoll il-*lockers* li għandhom jintużaw filgħodu u matul il-*breaks* sabiex l-affarjiet li nġibu magħna l-iskola ma nġorruhomx ġurnata sħiħa magħna, imma nġorru biss dak li jkollna bżonn waqt il-lezzjonijiet li nkunu qegħdin nagħmlu. Minbarra li nnaqqsu l-piż billi nneħħu l-kotba tal-lezzjonijiet li ma nkunux qegħdin nagħmlu, hemm ukoll affarjiet oħra li nistgħu nagħmlu. Nistgħu minflok nużaw *arch lever files* nużaw *flat files* li huma eħfef. Karti vojta għal ġol-*files* m'hemmx għalfejn inġorru pakkett sħiħ imma żewġ karti għal kull lezzjoni biżżejjed. Il-*lunch* nista' nħallih fil-*locker* imbagħad nieħdu fil-*break*, u jekk nixrob aktar minn nofs litru ilma, minflok flixkun kbir nista' nġib tnejn żgħar u wieħed minnhom inħallih fil-*locker* ukoll. Il-ġenituri wkoll jistgħu jgħinu meta jixtrulna basket b'żewġ ċineg u mhux ċinga waħda, li jintlibes tajjeb fuq daharna. Kultant il-basktijiet ikollhom ukoll ċinga oħra tinqafel mal-qadd, u l-aħjar basktijiet ikollhom anke oħra tinqafel mas-sider. Basktijiet bħal dawn jgħinu biex il-piż jonqos minn fuq id-dahar u jinġarr aktar fuq is-saqajn. Huwa interessanti l-fatt li dan il-metodu ta' erba' ċineg jintuża min-nies li jġorru ħafna piż bħal bugħaddasa, suldati u dawk li jmorru *trekking*. Dawn l-ideat jgħinuna biex 'il quddiem nevitaw li jkollna problemi ta' saħħa f'daharna, għaliex minkejja li l-basket inkun nifilħu u ma jagħtinix problemi meta nkun għadni żgħir, 'il quddiem jistgħu jiżviluppaw dawn il-problemi minħabba rfigħ ripetut (RSI – Repetitive Strain Injury).




Saħħa.

Is-Sur A. Muscat
Għalliem tas-Saħħa u Sigurtà

# MIL-LIBRERIJA: L-IMPORTANZA TAL-QARI




Fil-kotba hemm teżori akbar minn dawk tal-pirati fil-Gżira tat-Teżor. Hekk kien qal darba Walt Disney. Jekk wieħed jixtarr din is-sentenza jsib li tagħmel ħafna sens.

Naħseb li m'hemm l-ebda dubju dwar l-importanza tal-qari. Min jaf kemm-il darba smajna dwar dan il-kunċett fuq il-mezzi tax-xandir, fil-laqgħat li jkollna mal-għalliema u fil-klassijiet ta' diversi suġġetti. Student li jaqra u li jħobb il-kotba jkollu vantaġġi kbar, mhux biss fil-ħajja akkademika tal-iskola imma anki fil-ħajja ta' kuljum. It-tagħrif li wieħed isib fil-kotba jgħin fit-tagħlim tal-lingwa, fit-tiswir tal-ideat, fil-kreattività, fl-akkwist ta' informazzjoni ġenerali fuq diversi suġġetti...il-lista ta' vantaġġi ma tispiċċa qatt.

Wieħed jista' jesperjenza dan kollu fil-librerija tal-iskola tagħna, librerija moderna, li l-iskop tagħha hu li xxerred l-imħabba lejn il-qari fost l-istudenti tagħna, kif ukoll li tikkumplimenta t-tagħlim li jkun qed isir fil-klassijiet. Il-librerija tkun miftuħa kuljum fil-brejk ta' nofsinhar u anki f'ħinijiet oħra matul il-ġurnata. Inħeġġu lill-istudenti tagħna biex jagħmlu użu tajjeb mil-librerija. Hija x-xewqa tagħna li naraw uċuħ ġodda jagħmlu użu mil-librerija u jżuruna aktar spiss.

Sfortunatament it-tendenza tkun li aktar ma student jikber anqas jagħmel użu mil-librerija. Ħafna ġenituri jistqarru magħna li wliedhom aktar moħħhom fil-kompjuters, televixins u mezzi oħra teknoloġiċi milli fil-kotba. *"Qatt ma jiftaħ ktieb f'idu"*, *"Erħilu jintefa' fuq facebook, x'kotba kotba!"* Dawn il-kummenti juruna wkoll li llum il-ġurnata l-ktieb għandu kurrenti kbar kontra tiegħu.

Irid ikun l-individwu, bis-sapport tal-ġenituri d-dar u tagħna l-għalliema hawnhekk, li jagħraf isib bilanċ bejn ħaġa u oħra. Ħaġa li hija ċerta hija l-fatt li l-qari, jew in-nuqqas tiegħu, se jkun żgur rifless fil-maturità u fix-xogħol akkademiku ta' kull student u studenta. Narawkom!

Is-Sa M. Zahra Sacco
Għalliema/Librara

# KELMTEJN MID-DIRETTUR SPIRITWALI

Nhar l-Erbgħa 17 t'Ottubru, l-Eċċellenza Mons. Pawlu Cremona O.P., l-Arċisqof ta' Malta, ġie fostna għat-tieni darba. Din id-darba ġie biex ibierek u jinawgura l-kappella l-ġdida tal-iskola tagħna, eżatt fil-bidu tas-sena li hi ddedikata lis-Sena tal-Fidi. Il-Kappella hi l-post fejn studenti, għalliema u ħaddiema tal-Kulleġġ jinġabru fil-kwiet, u jidħlu f'relazzjoni m'Alla. L-Arċisqof sejħilha ważi, u hekk hi, għax hu dak il-post fil-kwiet fejn aħna nistgħu nirċievu u nieħdu l-ħajja fi Kristu Ġesù, kif ukoll nersqu iktar qrib ta' dak li lilna jħobbna bi mħabba tal-ġenn!







Aħna d-Diretturi Spiritwali, qegħdin fl-iskola biex ngħinu lill-istudenti u lil dawk kollha li javviċinawna biex jersqu iktar qrib t'Alla u jikbru fir-relazzjoni tagħhom miegħu. Hi grazzja kbira li fl-iskola tagħna, din is-sena, ser inkunu tliet Diretturi Spiritwali. Dan għaliex ser inkunu fl-iskola fi tliet ġranet differenti, kif ukoll għax ix-xogħol ser ikun jista' jinqasam iktar u nkunu nistgħu nilħqu lill-istudenti aktar u aħjar.

Fr Ronnie Zammit ser ikun l-iskola nhar ta' Tlieta, Fr David Torpiano kull nhar ta' Erbgħa u jien kull nhar ta' Ħamis. F'din il-ġurnata nibdew ukoll b'quddiesa, li tibda fis-7:30am.

Is-sliem u l-Mulej iberikkom

Fr Glen Buhagiar

## Novembru 2012

| | |
|---|---|
| 26 | Expo dwar it-tagħlim għall-istudenti tal-5 Sena. |
| 27 | Kunsill tal-istudenti tal-Kulleġġ. |
| 27 | Programm ta' Prevenzjoni Primarja kontra l-Abbuż mid-droga għall-klassi 4.6. |
| 27 | Programm ta' Għarfien dwar is-Saħħa u Sigurtà għall-istudenti tal-5.8 fl-MPR. |
| 28 | Programm ta' Prevenzjoni Primarja kontra l-Abbuż mid-droga għall-klassi 4.7. |
| 28 | Trekking Studenti tal-1 Sena l-Imtarfa Dwejra. |
| 28 | Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof (Studenti tat-2 Sena). |

## Diċembru 2012

| | |
|---|---|
| 3 | Taħdita għall-ġenituri tal-istudenti tar-4 Sena dwar id-dipendenza teknoloġika. |
| 3 | Żjara għall-MCAST minn studenti tal-5 Sena. |
| 3 | Programm Primarju kontra l-abbuż mid-droga għall-klassi 4.8. |
| 4 | Attività tal-Milied - Bejgħ ta' Kejkijiet. |
| 5 | Taħdita mill-Pulizija dwar prevenzjoni tad-droga għall-studenti tal-5 sena. |
| 5 | Jum il-Libreriji 2012. |
| 5 | Sessjoni tal-karrieri għall-klassi 4.3. |
| 6 | Laqgħa tal-kunsill tal-iskola. |
| 6 | Lejla tal-Ġenituri - (L-iskola tispiċċa fil-11:00 a.m) |
| 7 | Kunsill tal-Kapijiet tal-iskejjel. |
| 11 | Żjara lill-MCAST għal selezzjoni ta' studenti mill-5 Sena. |
| 11 | Żjara lill-MIA għal selezzjoni ta' studenti tat-3 Sena. |
| 12 | Taħdita dwar il-prevenzjoni tad-droga għall-ġenituri tas-snin 3, 4 u 5. |
| 13 | Vaganza Nazzjonali. |
| 14 | Programm ta' preżentazzjoni kontra l-abbuż primarju tad-droga għall-klassi 4.3. |
| 14 | Pantomima (Sessjoni ta' filgħodu fis-sala tal-iskola). |
| 16 | Pantomima (Sessjoni ta' filgħaxija fis-sala tal-iskola). |
| 17,18,19 | Christmas Market matul il-brejk ta' nofsinhar. |
| 18 | Kunsill tal-istudenti tal-Kulleġġ. |
| 18 | Pantomina (Xow fis-sala tal-iskola filgħodu u ieħor filgħaxija fis-sala tal-iskola). |
| 19 | Pantomima (Xow fis-sala tal-iskola filgħodu). |
| 20 | Ċelebrazzjoni tal-Milied għall-istudenti kollha. |
| 21 | Quddiesa u Kunċert tal-Milied. |
| 24 | Bidu tal- Vaganzi tal-Milied. |

| Jannar 2013 | |
|---|---|
| 7 | Sessjonijiet dwar il-karrieri għall-klassi 4.4. |
| 9 | Sessjonijiet dwar il-karrieri għall-klassi 4.5. |
| 10 | Żjara sal-isptar Mater Dei minn studenti tar-4 Sena Bijoloġija/ Kimika Option. |
| 10 | Żjara sal-Malta Stock Exchange u l-Bank Ċentrali għal-istudenti tar-4 Sena tal-Istudji Kummerċjali. |
| 10 | Laqgħa għall-Kunsill Skolastiku. |
| 11 | Laqgħa tal-Kunsill tal-Kapijiet tal-iskejjel. |
| 14 | CPD mill-Appoġġ - Timijiet tal-Guidance tal-Kulleġġi San Benedittu / Santa Klara. |
| 15 | Għażla tas-suġġetti (Studenti tas-6 Sena primarja). |
| 15 | Kunsill tal-istudenti tal-Kulleġġ. |
| 15 | Sessjonijiet dwar il-karrieri għall-klassi 4.6. |
| 22 | Taħdita Post-Sekondarja għall-ġenituri tal-5 Sena. |
| 28 | Sessjonijiet dwar il-karrieri għall-klassi 4.7. |

| Frar 2013 | |
|---|---|
| 1 | Green MT għall-istudenti kollha. |
| 4 | Sessjoni ta' Żvilupp Professjonali. |
| 7 | Laqgħa tal-Kunsill Skolastiku. |
| 8 | Eżamijiet orali tal-istudenti tal-5 Sena. |
| 9 | Sezzjoni PD għall-għalliema (wara l-ħin tal-iskola). |
| 11-12 | Vaganzi tal-Karnival. |
| 13-22 | Eżamijiet ta' nofs is-sena / Eżamijiet tal-aħħar tas-sena għall-istudenti tal-5 Sena. |
| 25 ta' Frar sa 1 ta' Marzu | Eżerċizzji Spiritwali 4 Sena (09:00 - 10:00) Fr Glenn.<br>Eżerċizzji Spiritwali 5 Sena (10:00 - 11:00) Fr Glenn. |
| 25 ta' Frar sa 22 ta' Marzu | It-12-il Istitut tal-Kitba fuq stedina għall-għalliema tal-Primarja u s-Sekondarja. |
| 26 | Kunsill tal-istudenti tal-Kulleġġ. |



N.B. Il-programm jista' jinbidel matul is-sena skolastika skont il-ħtieġa.

# L-ARĊISQOF PAWLU CREMONA JŻUR L-ISKOLA TAGĦNA





L-Erbgħa, 17 ta' Ottubru kienet ġurnata tassew speċjali għall-iskola tagħna. Kien f'dan il-jum li l-Arċisqof żar l-iskola biex jinawgura u jbierek il-kappella l-ġdida li nsibuha fit-tieni sular.

L-Arċisqof wasal l-iskola għall-ħabta tal-10 ta' filgħodu u ntlaqa' mill-Prinċipal tal-Kulleġġ, is-Sur C. Micallef, is-Surmast, is-Sur R. Portelli u mistednin distinti oħra. Fosthom kien hemm preżenti s-Segretarju Parlamentari Dr S. Spiteri. Kif wasal fil-*foyer* sar id-diskors ta' merħba quddiem l-istudenti tal-Ewwel u tat-Tieni Sena li taw ukoll merħba sabiħa lill-Arċisqof.

Minn hemm Mons. Arċisqof baqa' tiela' fit-tieni sular fejn issa laqgħuh l-istudenti tat-Tielet Sena. Baqa' sejjer fil-kappella u ntlaqa' bil-kant mill-membri tal-kor li kien ilu jitħarreġ ħafna għall-okkażjoni. L-ewwel sar it-tberik tal-kappella u l-artal imbagħad kompliet il-quddiesa b'mod normali. L-istudenti ħadu sehem b'mod sħiħ f'din il-quddiesa: l-istudenti tal-CREA ppreżentaw rigal li għamlu huma stess lill-Arċisqof filwaqt li studenti oħrajn kienu abbatini, kantaw fil-kor, qraw il-qari u t-Talb tal-Fidili u tellgħu l-offerti. Kienet esperjenza sabiħa ħafna u kulħadd qagħad attent għal dak li kellu xi jgħid l-Arċisqof li fl-omelija spjega kif il-kappella tista' tkun post fejn studenti, għalliema u kull min ikun l-iskola jista' jsib is-sliem u l-paċi, għajnuna spiritwali u post fejn jitlob u jistrieħ mill-problemi li jkollu.

Wara, Mons. Arċisqof ħareġ fil-*foyer* ta' fuq u hemm sab l-istudenti tar-Raba' u l-Ħames Sena. Dawn laqgħuh b'ċapċip waqt li student għamel diskors fejn f'isem l-istudenti rringrazzja lill-Arċisqof li għoġbu jiġi l-iskola biex ibierek il-kappella u wrewh li japprezzaw ħafna t-tagħlim u t-taħriġ fil-valuri umani u Nsara li jirċievu fl-iskola. Deher biċ-ċar li l-Arċisqof apprezza ħafna dawn il-ħsibijiet tal-istudenti kif ukoll ir-rigal li ppreżentawlu f'isem l-iskola kollha.

Kienet verament esperjenza sabiħa li l-Arċisqof ġie fostna f'din is-Sena ta' Fidi u inawgura kappella li żgur se tkun waħda ta' sliem li ġġedded u ssaħħaħ il-fidi ta' kull min jidħol fiha.



Is-Sa J. Pace
Għalliema

Grupp ta' għalliema qegħdin jaħdmu flimkien f'kumitat li l-għan tiegħu hu li jippromwovi fl-iskola dik li fl-Ingliż isejħulha *resilience*. Imma x'inhi *resilience*? Xi tfisser din il-kelma li forsi għal xi wħud mhix daqshekk familjari?

Fid-dizzjunarju tiegħu Ġużè Aquilina jiddefinixxi *resilience* bħala "il-kwalità li wieħed jistejqer/jirkupra malajr minn xi dehxa, qatgħa, eċċ. (ma jibqax taħtha)".

Kemm fih x'wieħed jixtarr dan il-kliem! Min ma jgħaddix minn mumenti diffiċli f'ħajtu? Min ma jiltaqax ma' saram, diżappunti u niket? Il-ħajja hija bħal trejqa mimlija nżul u tlajja'. Daqqa kollox ikun f'postu u daqqa jinqalgħu affarijiet li jħarbtulna l-pjanijiet li forsi jista' jkollna. Kif jgħid il-Malti, għan-niżla kull qaddis jgħin, imma għat-tlajja'? X'nagħmlu meta l-kurrent jibda ġej kontrina?

L-għan tal-kumitat tagħna hu li jwassal il-messaġġ li jiġri x'jiġri fil-ħajja, hu kemm hu kbir is-salib li qed iġġorr, m'għandekx taqta' qalbek! Trid tkun kapaċi tgħin lilek innifsek u tħares 'il quddiem. Is-sitwazzjoni trid tikkontrollaha inti u mhux tħalli lilha tikkontrollalek ħajtek. Kif jgħid Aquilina, ma tridx tibqa' taħtha!

Hu għalhekk li bi qbil u b'sapport mill-Amministrazzjoni tal-Iskola se nibdew nippubblikaw f'din in-*newsletter* kwotazzjoni qasira bi ħsieb relatat ma' dan il-messaġġ ... TAQTAX QALBEK! Jekk jirnexxilna nolqtu mqar persuna waħda b'dawn l-erba' kelmiet, għalina jkun aktar minn biżżejjed.

Is-Sa M. Zahra Sacco
F'isem il-Kumitat *SDP Resilience*




## TAQTAX QALBEK!

***"Happiness is not the absence of problems but the ability to deal with them."***

**H. Jackson Brown**

**Is-sodisfazzjon jiġi mhux min-nuqqas ta' problemi imma mill-kapaċità tiegħek kif tiffaċċjahom.**

# IS-SERVIZZI TAD-DIPARTIMENT TAL-GUIDANCE

Wieħed mill-għanijiet tal-Guidance fi ħdan l-iskola tagħna huwa li kemm jista' jkun nipprovdu lill-istudenti b'servizz ta' Guidance Teacher matul il-ġurnata kollha. Matul il-ħames snin, l-istudenti jafu li jistgħu jsibu għalliema li f'kull ħin joffrulhom għajnuna. F'kull sena li l-istudent jagħmel fis-sekondarja, ħa jsib lill-għalliema tal-Guidance meta jkun għadu dieħel fi skola ġdida u sistema kompletament differenti minn dik tal-primarja. Fit-Tieni Sena jsibu ħafna għajnuna sabiex l-istudenti jkollhom l-informazzjoni kollha ħalli jagħmlu l-għażla tas-suġġetti. Mit-Tielet Sena sal-Ħames Sena l-istudenti jibdew jiġu ppreparati għall-għażliet li jridu jagħmlu b'ħarsa lejn il-futur tagħhom. Fosthom insibu ż-żjajjar t'orjentazzjoni li jiġu offruti kemm lill-istudenti kollha b'mod ġenerali kif ukoll żjajjar li jkunu mmirati lejn grupp ta' studenti, skont l-għażliet tas-suġġetti tagħhom. Dan kollu hu importanti u utli ħafna għall-istudenti tagħna. Però wieħed ma jistax ma jsemmix l-attenzjoni li tingħata lill-istudenti b'mod individwali u personali. Sabiex din l-attenzjoni tkun tista' tingħata bl-aħjar mod possibli, insibu seba' Guidance Teachers fl-iskola tagħna u dawn jagħtu wkoll servizz ta' Guidance fl-iskejjel primarji tal-Kulleġġ. Dawn il-Guidance Teachers huma s-Sa C. Bonnici, is-Sa N. Borg Vassallo, is-Sur M. Cassar, is-Sur G. Dapi (li joffri s-servizz ta' Guidance fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport), is-Sur C. Farrugia, s-Sa D. Schembri Diacono u s-Sa R. Spiteri.

F'din il-ħarġa xtaqna li bħala Guidance Team ngħaddu ftit informazzjoni dwar wieħed mis-servizzi li jiġu offruti mid-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudenti. L-Ischool Psychological Service (SPS) jipprova jimmira li l-istudenti jkollhom ambjent li jiffaċilita t-tagħlim u l-iżvilupp tagħhom.

Dan is-servizz jipprovdi sapport lil tfal li għandhom bżonnijiet speċjali, kemm dawk fiżiċi kif ukoll mentali, dawk l-istudenti li għandhom xi diffikultà fit-tagħlim (bħad-diżlessija). Is-servizz jiġi offrut ukoll lil dawk l-istudenti li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet emozzjonali kif ukoll ta' mġiba. Fil-Kulleġġ tagħna għandna s-servizz ta' Trainee Psychologist.

Min jista' jagħmel użu minn dan is-servizz? Peress li dan is-servizz għandu *open-referral system*, kulħadd jista' juża dan is-servizz, għalkemm hemm formola apposta għal *referral*, fejn wieħed irid ikollu kunsens iffirmat mingħand il-ġenituri jew il-kustodji.

Dan huwa wieħed mis-servizzi li jiġu offruti mid-Dipartiment fl-iskola tagħna. Għal aktar informazzjoni, tistgħu tkellmu lill-għalliema tal-Guidance, fejn żgur ser issibu l-għajnuna kollha.

L-għalliema tal-Guidance

# L-ANNIMALI U L-LINGWI JINGĦAQDU FLIMKIEN



L-4 t'Ottubru huwa l-jum iddedikat għall-Għarfien tal-Annimali. Normalment fl-iskola dan il-jum niċċelebrawh billi xi studenti jġibu magħhom xi annimal partikulari illi huma jieħdu ħsieb u jitkellmu dwaru quddiem sħabhom. Madankollu din is-sena ħsibna biex nagħtu bixra differenti lill-mod kif nagħrfu aktar l-annimali li nsibu madwarna. Dan għaliex għaqqadna flimkien l-għarfien tal-annimali mal-għarfien tal-lingwi differenti li huma mgħallma fl-iskola.



Għal dan il-għan saret kompetizzjoni fost il-klassijiet kollha fejn l-istudenti ntalbu jfittxu qwiel differenti b'lingwi differenti fejn fihom jissemmew l-annimali. Bosta klassijiet ħadu din l-isfida bis-serjetà, għamlu riċerka estensiva u ħarġu b'bosta qwiel bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bl-Ispanjol. Wara huma ppreżentaw il-qwiel b'mod mill-aktar kreattiv, min f'forma ta' ktejjeb, min b'xi ċart kif ukoll permezz tat-tpinġija. L-isforz tal-klassijiet kollha li pparteċipaw ġie miġbur f'wirja sabiħa li ttellgħet fl-entratura tal-iskola. Kien diffiċli ferm biex tintgħażel il-klassi bl-aħjar xogħol iżda finalment l-unur mar għand it-2.3. Bħala premju tal-isforzi tagħhom, il-Kap tal-Iskola ħa lill-klassi 2.3 għall- ħarġa qalb il-kampanja tal-Baħrija. L-istudenti kollha ħadu gost f'din il-ħarġa, kemm għaliex bidlu mir-rutina tas-soltu kif ukoll għax esperjenzaw aktar mill-qrib insetti u annimali differenti li nsibu fil-kampanja Maltija.

Minn hawn nifirħu lill-klassijiet kollha li b'tant ħeġġa pparteċipaw fil-kompetizzjoni u nawgurawlhom li jkunu fost ir-rebbieħa f'attivitajiet oħra li jsiru fil-ġimgħat li ġejjin.

Is-Sa C. Pisani Grixti

# IL-JUM EWROPEW GĦAL-LINGWI







Id-data tas-26 ta` Settembru 2001 hija data importanti fil-kalendarju tal-Kunsill tal-Ewropa għaliex dakinhar ġiet imnedija l-ġurnata Ewropea għal-Lingwi. Matul din il-ġurnata, l-iskejjel fl-Ewropa kollha jingħaqdu flimkien permezz ta` attivitajiet li jittellgħu biex jiċċelebraw il-varjetà tal-lingwi mitkellma fil-pajjiżi Ewropej u jgħaddu l-messaġġ li l-lingwi huma għodda siewja biex nifhmu aktar lil xulxin.

F'Malta, il-ġurnata Ewropea għal-Lingwi tiġi ċċelebrata ftit aktar tard, peress li fid-data proprja tagħha nkunu għadna wisq fil-bidu tas-sena skolastika. Fl-Iskola Sekondarja tas-Subien fi ħdan il-Kulleġġ San Benedittu, din il-ġurnata ġiet iċċelebrata nhar il-Ġimgħa 19 t`Ottubru. Fil-fatt, dakinhar, il-pubbliku li attenda kellu x-xorti jassisti għall-ewwel edizzjoni tal-*Eurovision Song Contest*, li ttella` f`pajjiżna. Sitt pajjiżi pparteċipaw bi ħġarhom għar-rebħ ta' dan it-titlu prestiġjuż permezz ta` kanzunetti magħrufa li huma popolari fil-pajjiż. L-istudenti li ħadu sehem għamlu biċċa xogħol tajba meta permezz tal-kant, żfin jew b'esebizzjoni bl-istrumenti, qatgħu figura tajba għall-pajjiż li kienu qed jirrappreżentaw.

Fil-konkors, kull pajjiż kellu t-tim tiegħu. Il-grupp Ingliż ippreżenta d-diska *Love Shine A Light*, fejn Shaun Zaffarese, flimkien mal-grupp tal-Franċiż, kanta d-diska *Voyage, Voyage*. Aleandro Lee Cutajar u l-kitarristi tiegħu irrappreżentaw lill-Italja bid-diska *50 Special*. Miguel Cauchi u grupp ta` *rappers* tellgħu d-diska Spanjola *No Me Digas Que No* filwaqt li Samwel Bezzina u l-grupp tiegħu ħarġu bid-diska Ġermaniża *Übers Ende der Welt*. L-aħħar imma mhux l-anqas, kellna lil Keane Schembri li rnexxielu jrebbaħ lil Malta permezz tad-diska *Id-Dgħajsa tal-Latini*.

Tajjeb insemmu wkoll lit-tliet preżentaturi, Kevin Cassar, Stephen Grech u Osbert Zammit għall-mod professjonali li bih mexxew il-konkors. Nifirħu wkoll lil dawk l-istudenti li għamlu introduzzjoni għal kull pajjiż qabel l-esebizzjoni kif ukoll lil dawk li taw il-punti ta` kull pajjiż. Ilkoll kemm huma daħlu għall- impenn li jitgħallmu dak li kellhom jgħidu bil-lingwa li kienu qed jirrappreżentaw u għamlu biċċa xogħol tajba. L-intervall żgur li ma kienx ta` min jitilfu, għax għalkemm il-mistieden speċjali, Freddie Portelli, kien indispost, xorta waħda ttellgħat wirja mill-aqwa mill-istudenti, għalliema u ġenituri li kienu fis-sala. Ma ninsewx li dawn kollha kienu taħt id-direzzjoni għaqlija tas-Surmast tagħna s-Sur Raymond Portelli.



Naturalment, dan kollu sar grazzi għal tim żgħir ta` għalliema li taw sehemhom biex jippreparaw lill-istudenti. Tajjeb ukoll li nsemmu lill-għalliema l-oħra tal-lingwi li flimkien mal-għalliema tal-Healthy Eating ħadmu fil-kċina biex jippreparaw l-ikel tradizzjonali ta` kull pajjiż. Fil-fatt, matul il-brejk, l-istudenti setgħu iduqu t-tortellini mill-Italja, il-*hot dogs* mill-Ġermanja, il-gallettini t`Alsace fi Franza, il-*muffins* Ingliżi, is-Sangria Spanjola u l-qagħaq tal-għasel Maltin. Nassigurawkom li l-ġurnata spiċċat b’togħma tajba!

Is-Sa R. Debono
Is- Sa M. Vella Sammut

Join our facebook group

Facebook sar għodda popolari ħafna biex ikun jista’ jinżamm kuntatt. Aħna fil-KSBSS għandna wkoll il-paġna tagħna fejn tista’ ssib informazzjoni dwar attivitajiet li jkunu għaddejjin fl-iskola.

Allura x’qed tistenna?

Ingħaqad mal-paġna tagħna:

www.facebook.com/groups/benedittusocial/




**Bord Editorjali:**

| | |
|---|---|
| Assistenta Kap: | *C. Pisani Grixti* |
| Disinn: | *A. Galea* |
| Fotografu: | *D. Bezzina* |
| Issettjar: | *A. M. Zammit* |
| Qari tal-Provi: | *L. Deguara, W. Incorvaja S. J. Polidano u C. Tanti* |
| Tradutturi: | *D. Bezzina u P. Sacco* |
| Stampar: | *C. Cassar* |